MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 22 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 31 ta' Awwissu 2023**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Ħal-Luqa | Is-Sur John Schembri |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Sindku Ħal-Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Viċi President/ Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella Gafa |
| Sindku Qormi | Nutar Josef Masini Vento |
| Sindku Żejtun | Sa. Doris Abela |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Marsaskala | Chev. Mario Calleja |
| Sindku B'Buġia | Is-Sur Scott Camilleri |
| Kunsillier Santa Luċija | Is-Sur Frederick Cutajar |

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Sa. Mariella Strout | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**22.1** **Qari tal-Ittri ta' Apoloġija;**

22.1.1 Il-President ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

**22.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

22.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' Laqgħa wieħed u għoxrin (21) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

22.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Darren Abela u s-sekondat mis- Sindku Josef Masini Vento , il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

22.2.3 **Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**Tender tal-Vettura**

Il -President informa li qed nistennew li jintbagħat il-Kuntratt mingħand l-SPD

**L-iskart**

Il-President informa li ser jiġi diskuss bħala item waqt l-istess laqgħa

**Studenti min Kaleici**

Il-President informa li kienu ser jaslu Malta f'12 ta' Settembru u ġie mfassal programm ta' żjarat. Sindki li kienu attendew Kaleici ser jgħinu f'programm ta'żjarat.

**Attività Networking**

Il-President informa li saret u kienet ta' suċċess għalkemm wieħed xtaq li kien hemm iktar konkorrenza mill-Kunsilliera u ħaddiema tal-Kunsilli. Sostna illi din kienet l-ewwel darba li saret serata ta' networking bejn Sindki, Kunsilliera u impjegati tal-Kunsilli u serviet ta' okkażjoni fejn sirna nafu lil xulxin f'ambjent informali.

**Stedina Kaleici**

Il-President informa li Reġjun li ġie deċiż li għal l-istedina ta' Kaleiċi kienet ser t'attendi il-Maniġer tal-Kultura Tiffany Abela.

**Il-Laqgħa Ġenerali Annwali**

Il-President fakkar li laqgħa annwali ser issir f'13 ta' Settembru u kompla billi għamel appell sabiex jattendu Sindku u il-Kunsilliera. Huwa ta' spjegazzjoni qasira ta' kif ser tkun l-andament ta' laqgħa fejn gew mistiedna l-iscouts tal-Mars u tenna li ser jiġi preżentat ir-riżultat preliminari riċerka dwar Valutazzjoni Impatt Soċjali. Dan ir-riżultat ser jiġi diskuss min panel kompost min Viċi President Maria Sara Vella Gafa, Sindku tal-Marsa Josef Azzopardi, President Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Mario Fava u Dr Maria Brown u Dr Mario Thomas Vassallo min l-Università ta' Malta

**Kont Bankarju -Fondi ta' Skart**

Il-President staqsa li AES jekk nfetaħx il-kont, hija nfurmat il-bank ser jiġi ikkuntattjat meta jiġi approvati il-Minuti.

**Rapport Finanzjarju**

Il-President informa li Rapport Finanzjarju ġie preżentat. Huwa kompla billi ta' spjegazzjoni dwar kwistjoni li kienet għaddejja f'Reġjuni oħra rigward is-salarju tal-Maniġers. Qed jirrizulta li Reġjuni mhux kollha ingħataw l-istess informazzjoni ta' rata li għandhom jitħallsu, ir-Reġjun tan-Nofsinhar kien ingħata direzzjoni li salarju tal-Maniġer huwa ekwivalenti għal l-għola skala 7 u tiżdied skont l-għoli tal-ħajja, ir-Reġjun Tramuntana kien qiegħed jagħmel l-istess. Reġjuni oħra li kienu ingħataw rata fissa għat-tul tal-kuntratt. Il-President sostna li-Reġjun tan-Nofsinhar kien l-ewwel Reġjun li impjega il-Maniġers u ġa ladarba kien hemm ftehim fuq ir-rata ta' salarju din m'għandiex titnaqqas. Huwa kompla li din il-materja tkellimha ma Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali Natalino Attard fejn min naħa tiegħu tenna li kienet ser toħroġ Ċirkolari sabiex tingħata direzzjoni. Din id-direzzjoni tkun qed tindika li salarji mhux ser jitnaqqsu u il-maniġers f'Reġjuni jiġu bl-istess salarju ta' l-għola Skala 7.

Il-Kunsill qabel dan f'sfond li Reġjun u il-Kunsilli f'ħdanu qiegħed f'pożizzjoni aħjar b'servizz li qed jingħata mil-maniġers.

**Attività Wied il-Għajn**

Il-President informa li l-attività Espressjoni Żfin li saret Wied il-Għajn b' rabta ma sena ta' Reġjun Kulturali kienet serata ta' suċċess u milqugħa tajjeb mill-pubbliku. Huwa żied jgħid illi b'ħalla attività kien inqabeż il-baġit allokat għal kull attività u għalhekk kien hemm qbil sabiex ċertu servizzi kien ser jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill ta' Marsaskala. Il-President fakkar li għad baqa' numru ta' Lokalitajiet fejn għada ma saritx l-attività għalhekk ħeġġeġ sabiex jagħmlu kuntatt mal-Maniġer tal-Kultura mil-aktar fiss għaliex kienet ser tintilef l-opportunita.

Is-Sindku ta' Marsaskala Mario Calleja għamel intervent billi irringrazzja lil President, Aġent Segretarju Eżekuttiv u il-Maniġer tal-Kultura ta' l-għajnuna tagħhom f'din l-attività għaliex b'xogħol u l-organizzazzjoni setgħat tkun suċċess.

**22.3 Komunikazzjoni mill-President;**

**22.3.1 Korsijiet tal-Idea Academy**

Il-President informa li Reġjun irċieva kommunikazzjoni mil AKL li kien ser jingħata għajnuna lil dawk Sindki, Kunsilliera u ħaddiema li xtaqu jippartecipaw f'kors ta' Idea Academy.

**22.3.2 Talba min Banda San Gorg għal estensjoni MOU tal-Baned**

Il-President informa li l-Banda San Ġorġ ta' Ħal Qormi talbet għal estensjoni sabiex tkun tista tagħmel l-attivita relata ma l-MoU tal-Baned li ġie iffirmat ma Reġjun is-sena l-oħra. Il-Kunsill sema ir-raġunijiet mogħtija u qabel li tingħata l-estensjoni mitluba.

**22.3.3 Laqgħa ma Transport Malta**

Il-President informa huwa ma setgħax jattendi għal dik il-laqgħa għalhekk stieden is-Sindki li kienu preżenti sabiex jagħmlu l-interventi tagħhom. Is-Sindku Mario Calleja tenna li wara laqgħa beda biex għamel kuntatt fuq materji li kellhom x'jaqsmu ma Transport Pubbliku, kif kien miftehma iżda sfortunatament l-ebda azzjoni ma ttieħdet. Is-Sindku Scott Camilleri sostna ukoll li ħass li din il-laqgħa m'hiex qed taħli il-frott. Min-naħa tiegħu is-Sindku Darren Abela qal li laqgħat bħal dawn huma pożittivi għal fatt li ġew mistiedna bħala Reġjun għalhekk ifisser li qed jiġu rikonoxxuti bħala Reġjun u Transport Malta kienet lesta li t'isma kif it-tejjeb ' working relationship bejn iż-żewġ naħat. Waqt din laqgħa saret talba lil Transport Malta sabiex tingħata għajnuna finanzjarja ħalli ir-Reġjun ikun jista' jinbidel it-tabelli li qedin fil konfini ta' kull lokalita biex jingħataw dehra iktar formali u jindikaw ukoll li dik il-lokalita tagħmel parti mir-Reġjun tan-Nofsinhar.

22.4 **Kuntratt Maniġġjar tal-Iskart**

Il-President beda billi ta' rendikont ta' kif sejjer l-andament tal-ġbir ta' l-iskart. Bħala Reġjun, il-President ħeġġeġ li Sindki sabiex jassiguraw li Contracts Manager jagħmel ix-xogħol tiegħu. Huwa sema li bħala Reġjun reġa' iltaqa' mal-Kuntrattur u infurmat li ma jistax jibqa' jagħmel ġabriet ta' gzuz ta' boroż. Dan il-gzuz huwa biss permess għal kwarta. Waqt din il-laqgħa ġie komunikat lil kuntrattur dwar numru ta' ilmenti li kienu qedin jaslu fosthom dewmien dwar fil-ħin tal-ġbir, komportament mhux xieraq min ċertu ħaddiema, apparti l-fatt li datatrack mhix qed tiġi preżentata lil Reġjun. Il-President kompla billi spjega ix-xogħol li kien qed issir mil-uffiċju bħala maniġġjar tal-istess kuntratt fejn qed jintervjeni huwa direttament, l-Maniġer ta' l-Ambjent, l-uffiċjal Eżekuttiv u AES. Id-diskussjoni kompliet billi kull Sindku għamel l-intervent tiegħu u ta' rendikont ta' xi problemi kienu qed jiltaqa' magħhom. Ilkoll qablu il-bżonn ta' iktar infurzar.

Il-Kunsill qabel jinħareġ *warning* lil kuntrattur abbażi li ma kienx qiegħed jippreżenta data ta minfejn kienu qedin jagħdu it-trakkijiet kif kien mifhum fil-kuntratt. Kien hemm qbil li jekk dawn ir-rapporti ma jingħatawx f'żmien stipulat tinħareġ *default notice* hekk kif stabbiliet fil-kuntratt.

**22.5** **Skeda ta' Pagamenti;**

22.5.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 08/23A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. Il-President informa li diversi Kunsilli diġà bdew jibbenifikaw mill fondi ta' skema

22.5.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u sekondat Sindku Darren Abela il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**22.6** **Rapporti**

Ma kienx hemm rapporti għad-diskussjoni

9 +S

**22.7 Affarijiet Oħra**

22.7.1 **Update e-Book preżentazzjoni**

Il-President ta' rendikont ta' l-fażi ta' Proġett e-Book Project documenting of Cultural Heritage - M 3. Huwa stieden li AES sabiex tagħmel preżentazzjoni ta' xogħol viżwali li kien lest sa issa. AES spjegat li ma kienx faċli sabiex iġġib aċċess però bl-għajnuna ta' diversi Sindki u Kunsilliera u l-Uffiċjal Eżekuttiv li ħadet ħsieb il-loġistika setgħu jinstabu il persuni responsabbli. Kien għad hemm ftit li jiġi ifilmjati. AES tenniet li il-proċess kollu ser jiġi komplut f'rapport finali speċjalment fejn hemm kappelli li għandhom bżonn intervent u oħrajn li m'għandhomx jintużaw. Ir-rispons ta' Sindki kien pożittiv meta raw il-viżwal.

22.7.2 **Il- Tabelli Merħba -Logo ta' Reġjun**

Il-President informa li kien qed issir eżerċizzju relatata ma' tabelli ta' l-ismijiet ta'lokalitajiet li jinsabu fil-konfini ta' lokalitajiet. Dan l-eżerċizzju qed issir mil Project Maniġer wara li saret talba lil Transport Malta sabiex jinbidlu u jingħataw dehra formali u jindikaw li lokalita tagħmel parti mir-Reġjun tan-Nofsinhar.

**22.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss**

22.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.20 u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 05 ta' Ottubru 2023 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________

Jesmond Aquilina

President

Mariella Strout

Aġent Segretarju Eżekuttiv